# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## IMHALLEF:

## ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 19 ta' April, 2002**

**Numru 2**

**Cit. Nru. 262/02(F1) GCD**

**Joseph u Dorothy konjugi Mifsud**

**Vs**

**Tony Bianchi**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni ta' l-atturi li bih, wara li ippremettew:

Illi l-konvenut jikri minghand l-atturi tliet garages imniffda ma' xulxin fi Sqaq il-Ghadam, Mriehel, limiti ta' Hal-Qormi u dana ghal skop kummercjali a bazi ta' ftehim ta' lokazzjoni datat 12 ta' Frar, 2001, li inghata effett mill-gdid permezz ta' skrittura datata 1 ta' Gunju, 2001, annessi mac-citazzjoni u mmarkati Dokumenti "JM1" u "JM2" rispettivament;

Illi l-konvenut naqas milli jonora l-obbligi kontenenti fl-istess ftehim precisament fl-ewwel (1) klawsola tal-istess ftehim stante illi huwa naqas milli jhallas il-kera lill-istess atturi;

Illi l-konvenut huwa moruz fil-hlas ta' kera fl-ammont ta' erbat elef u sittin lira Maltin (Lm4,060) rapprezentanti bilanc ta' kirja ghall-iskadenza tal-1 ta' Gunju, 2001 u l-iskadenzi tal-1 ta' Settembru, 2001, 1 ta' Dicembru, 2001 u l-1 ta' Marzu, 2002;

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenut m'ghandu l-ebda eccezzjonijiet x'jaghti in kontro-trattazzjoni ghat-talbiet attrici u b'hekk jezistu c-cirkostanzi kontemplati fl-artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta biex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh;

Illi l-konvenut debitament interpellat mill-atturi baqa' inadempjenti;

Talbu illi din il-Qorti:

1. tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini ta' l-artikoli 167 – 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' erbat elef u sittin lira Maltin (Lm4,060);

3. tordna lill-konvenut sabiex fi zmien fiss u perentorju jizgombra u jivvaka t-tliet garages imniffda ma' xulxin fi Sqaq il-Ghadam, Mriehel, limiti ta' Hal-Qormi proprjeta` ta' l-atturi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju bin-numru 210/02 DS u tal-ittra ufficjali datata 18 ta' Jannar, 2002, u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-atturi;

Rat illi l-konvenut, ghalkemm talab li jikkontesta t-talba ghall-izgumbrament, ammetta t-talba ghall-hlas ta' Lm4,060;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut, it-talba ghall-hlas ta' Lm4,060 tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenut, tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-atturi u tikkundanna lill-konvenut

ihallas lill-atturi s-somma ta' Lm4,060, bl-ispejjez relativi ghat-tieni talba kontra l-konvenut.

Il-kawza differita ghal provvediment dwar it-talba tal-konvenut biex jikkontesta t-talba ghall-izgumbrament.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm